# 1 Sitwazzjoni urġenti



Nina, Ġanni u Sandro kienu qed jilagħbu fis-salott meta f'daqqa waħda ċempel il-bieb. Kien Ġużi, li kien jidher inkwetat mhux ħażin. Mill-basket ħareġ il-gazzetta u l-aħbar tal-paġna ta' quddiem kienet tgħid, "Pittura prezzjuża fil-Mużew tal-Arti titlef kulurha".

It-tfal kienu nsewha xi ftit din il-biċċa tal-pittura u l-arloġġ kien baqa' mistoħbi f'kaxxa taħt is-sodda ta' Ġanni. Imma dakinhar waqfu mil-logħba u qagħdu jisimgħu lil Nina taqra dwar il-pittura tal-Kavallier li kienet qed titlef il-kulur. "L-esperti ma jistgħux jifhmu x'qed jiġri għax il-pittura tidher ippreservata sewwa," kompliet taqra Nina.



“Issa jekk jisparixxi l-Kavallier?” staqsa Ġużi.

“Hemm bżonn naraw kif se mmorru għandu,” qal Sandro.

“Imma jekk qatt ma morna fil-passat?” staqsa Ġanni.

“La l-Kavallier ġie mill-passat, mela aħna nistgħu mmorru hemm,” qaltilhom Nina. “Għandna l-arloġġ tiegħu, jista’ jgħinna.”

“Xi tip ta’ soluzzjoni nsibu żgur,” qawwielhom qalbhom Sandro.

